**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012
----------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA31.**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Marzu 2014, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fis-6.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sur Mark Anthony Busuttil - Viċi *Chairperson.*
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sur Vincent Borg - Membru u s-Sinjura Joselle Camilleri - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-17 ta' Marzu 2014.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Attivitajiet Sajf 2014.
3. Kisi tal-Passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi.
4. Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.
5. Xogħlijiet ta' tisbiħ fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.
6. Il-Laqgħa tal-Lokalità 2014.
7. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
8. Mistoqsijiet mill-membri.
9. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA30.

## 2.00 Attivitajiet Sajf 2014.

2.01 Għal din is-sena wkoll il-Kalendarju ta' Attivitajiet li ser jittella' fix-Xlendi ser jikkonsisti fi fjakkolati, wiri ta' *films* u *water fun park.* Fil-*budget* għandna €1,500 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u €2,200 mill-kera tal-*kiosk* lill-HSBC Bank Malta plc. Hu maħsub li l-fjakkolata ssir xi 5 darbiet. Il-Kumitat kien ser ikellem lit-Taqsima tal-Kultura u lill-Ministeru għal Għawdex dwar għajnuna għal dan il-Kalendarju ta' Attivitajiet. Ser jiġi kkunsidrat li kull ġimgħa jkun hemm xi attività.

Għandha ssir laqgħa bejn il-Kumitat, l-MTA u l-Ministeru għal Għawdex.

## 3.00 Kisi tal-Passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi.

3.01 Il-Kuntrattur ingħata stima mill-perit ta' kemm ser jagħmel tul tal-pavimentar. Għadu ser jipprovdi *insurance* u jiffirma l-kuntratt.

## 4.00 Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.

4.01 Fi Triq il-Kavallieri kienet inqalgħet problema bid-drenaġġ. Din il-problema issa ssolviet u dan ix-xogħol fil-*main* tad-drenaġġ qed isir bħalissa.
Triq ir-Rumani saru l-livelli mingħand il-MEPA u ser jiġu ċċekkjati minn *surveyor* tal-Kunsill. Il-kisi ser jitkompla hekk kif isir dan ix-xogħol.

## 5.00 Xogħlijiet ta' tisbiħ fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.

5.01 Fi Triq il-Kantra beda l-kisi bl-*imprinted concrete* u beda t-twaħħil tar-*railing*. Kif tkellimna bl-*e-mail* bejn il-membri tal-Kumitat, parti mill-bankina se tiġi eliminata u jidħlu żewġ *parkings* oħra. Il-ħajt tat-triq ma huwiex ser jitranġa għax skont il-perit ma huwiex imminenti li jaqa'. Issa l-Kuntrattur sab l-aħħar parti tal-ħajt li għandu ġebel immermer u ser jinbidlu.

**6.00 Il-Laqgħa tal-Lokalità 2014.**

6.01 Il-laqgħa għal-lokalita' tax-Xlendi saret nhar it-Tnejn, 10 ta' Marzu 2014, fis-6.00 ta' filgħaxija fil-Lukanda St. Patrick's.
F'din il-laqgħa kien hemm 6 persuni preżenti flimkien mas-Sur Godwin Azzopardi – *Chairperson,* is-Sur Mark Anthony Busuttil – Viċi-*Chairperson,* is-Sur Michele Fenech Adami – Membru, is-Sur Joseph Sultana – Sindku u s-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Saru dawn l-ilmenti / suġġerimenti:

Residenta fi Triq il-Kavallieri lmentat dwar il-fatt li fit-triq tagħhom hemm xi proprjetajiet li jinkrew lit-turisti Maltin u qed jiġri li qabel jitilqu qed iħallu ħafna ħmieġ fit-triq. Talbet sabiex *bush* li kibret barra t-triq fi Triq Ras il-Bajjada għandha tinżabar għaliex qed toħloq periklu lil min ikun jimxi. Din il-persuna staqsiet dwar ix-xogħlijiet ta' Triq il-Kavallieri u ġiet infurmata li proprju llum il-kuntrattur ġie awtorizzat sabiex jibda x-xogħol fil-*main* tad-drenaġġ.

Issemma lment dwar trakkijiet li qed jipparkjaw fil-kantuniera ta' Triq Ta' Marżiena ma' Triq il-Profs. Ġużè Aquilina fil-Munxar u dwar *parking* ta' *buses* fi Triq il-Kantra. Issemma dwar *railing* li għadu ma sarx fil-Pjazzetta ta' Triq San Xmun u s-Sindku nfurmah li parti mir-*railing* ta' Triq il-Kantra li għadu f'kundizzjoni tajba se jiġi addattat għal dak il-post.

Sar ilment ukoll dwar *speed* eċċessiv ta' xi vetturi li jgħaddu minn Triq il-Qsajjem.

Persuna preżenti lmentat dwar *rubbish* li qed jinġema' madwar il-*bring in sites* tax-Xlendi. Il-ġimgħa d-dieħla l-Kumitat kien se jiltaqa' mal-Kuntrattur Green MT sabiex tiġi diskussa din il-problema u xi oħrajn.

Sar ilment dwar żgumbrament ta' tined fil-passaġġi pubbliċi tax-Xlendi partikolarment dwar tined quddiem is-C7, Churchill, Boathouse, Stone Crab u Ta' Karolina.

Persuna staqsiet dwar it-turġien li kienu saru minn quddiem il-lukanda Sant'Indrija għall-baħar. Ġiet infurmata li dan tneħħa għax-xitwa u ser jerġa' jitpoġġa fis-sajf.

**7.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

7.01 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu ma' Green MT dwar il-*Bring in Sites* tax-Xlendi. Huma wiegħdu li l-Kuntrattur inbidel u suppost li s-sitwazzjoni titranġa. Il-Green MT se tkellem lis-sidien tal-istabbilimenti tal-ikel sabiex jużaw il-*bins* li jissakkru u mhux jużaw dawk li huma għall-pubbliku.

7.02 Il-Kumitat irċieva studju mingħand il-MEPA dwar 'Management Planning & Implementation of Communication Measures for Terrestrial Natura 2000 sites in the Maltese Islands - L-inħawi tax-Xlendi u tal-Wied tal-Kantra, Id-Dawra tas-Sanap sa tal-Ħajt - Stakeholder Consultation March 2014'.

7.03 Il-Kumitat irċieva talba mingħand resident fi Triq it-Torri, Ix-Xlendi sabiex issir bankina quddiem *block* ta' *flats* f'din it-triq. Huwa talab għal 73 pied kurduna. Din it-talba ġiet approvata.

7.04 Il-Kumitat irċieva talba mingħand residenta fi Triq ir-Ranċiż, Ix-Xlendi sabiex il-*parking bay* ta' quddiem il-proprjetà tagħha terġa' tinżebaħ bl-iswed. Din it-talba ġiet approvata u x-xogħol ser isir mill-Kuntrattur tal-Kunsill/Kumitat.

7.05 Il-Kumitat irċieva ittra mingħand il-MEPA rigward 'Utilisation of Urban Improvements Fund (UIF)'. Il-MEPA qed tinnota diversi *plots* miftuħa fiż-żona ta' żvilupp li huma ta' periklu. Għaldaqstant, il-MEPA ddeċidiet li 30% tal-fondi mhux użati *available* għal-lokalità jistgħu mill-10 ta' Mejju 2014 jintużaw mill-Enforcement Directorate sabiex jitwettqu Direct Action Initiatives relatati mat-tindif u għeluq tal-*plots* miftuħa fil-lokalità. Il-fondi utilizzati għal dan il-għan jiġu *refunded* lill-fond meta s-sid/okkupant tal-proprjetà jħallas id-Direct Action Fees dovuti.
Il-Kumitat ser japplika sabiex jitkompla l-passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi u sabiex jinbidel id-dawl tal-*Parking*.

7.06 Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand il-Ministeru għal Għawdex rigward numru ta' *information panels* li ser jitwaħħlu għal mixjiet li jsiru fil-kampanja li juru diversi fatturi karatteristiċi tal-post matul dawn il-mixjiet.

7.07 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li l-knis ta' toroq fix-Xlendi ser jibda mill-15 ta' April 2014.

**8.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

8.01 Is-Sur Godwin Azzopardi staqsa fiex waslu l-preparamenti għal-laqgħa li għandha ssir bejn il-Kumitat, il-Ministeru għal Għawdex, MTA, GTA, Dipartiment tas-Sajd, Lands Department u MEPA sabiex tiġi diskussa l-problema ta' *encroachment* fil-Bajja tax-Xlendi minħabba li qegħdin nirċievu diversi lmenti rigward l-għeluq tal-passaġġ għan-nies, sajjieda li ma jistgħux jaħdmu u li m'għandhomx spazju għall-karrijiet u residenti u turisti li qed jinnotaw li kulħadd spiċċa jagħmel li jrid.

Is-Sur Godwin Azzopardi staqsa wkoll dwar id-dawl fl-art quddiem l-istatwa ta' Sant'Indrija u żewġ fanali pendenti.

Is-Sur Godwin Azzopardi staqsa wkoll dwar l-għar u l-passaġġ ta' fuq l-Għar ta' Karolina, il-ħmieġ tal-ħamiem fl-għar u sabiex jinżebaħ il-kanċell tal-għar.

**9.00 Materji oħra.**

9.01 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

**Godwin Azzopardi**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***